MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 470/2013

Jeanette **Balzan**

**-vs-**

**Marlon Balzan**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors maħluf tal-attriċi, preżentat fis-17 ta' Mejju 2013, li permezz tiegħu ġie premess illi:

L-attriċi hija miżżewġa lill-konvenut Marlon Balzan u ilha hekk miżżewġa sa mit-tmienja u għoxrin (28) t'Awissu 1999; minn dan iż-żwieġ, fil-15 ta' Novembru 2002, twieldet il-bint minorenni bl-isem ta' Celine Balzan. Maż-żwieġ, il-partijiet f'din il-kawża stabbilew id-dar matrimonjali tagħhom fil-fond bl-isem 'Mon Amour', Triq il-Ħajt Ruman, Ħal Safi; din l-istess dar baqgħet kontinwament u għadha sal-lum id-dar matrimonjali tal-partijiet.

Kif se jirriżulta fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors ġuramentat, meta, fl-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013), l-attriċi rritornat lejn id-dar matrimonjali hawn fuq imsemmija, hija sabet illi ma setgħetx tidħol peress illi minkejja li ċ-ċavetta bdiet iddawwar is-serratura tal-bieb ta' barra tal-istess dar, il-bieb kien imbarrat u ma setax jinfetaħ. Dwar dan, l-attriċi marret immedjatament tagħmel rapport mal-Pulizija Eżekuttiva.

Tmint ijiem wara, u ċjoe' fid-disgħa (9) ta' April 2013 reġgħet ittentat taċċedi d-dar matrimonjali, iżda għal darb' oħra l-istess aċċess kien reġa' ġie negat lilha. F'din l-istanza, hija ġiet akkumpanjata minn żewġ uffiċjali tal-Pulizija sabiex jikkonfermaw dan il-fatt.

Għalhekk, l-attriċi ġiet u qiegħdha tiġi mċaħħda mill-aċċess u mneżża' mill-konsegwenti pussess sħiħ u effettiv tad-dar matrimonjali fl-indirizz 'Mon Amour', Triq il-Ħajt Ruman, Ħal Safi kontra r-rieda tagħha.

L-attriċi taf personalment b'dawn il-fatti kollha.

<u>Raġuni tat-talba</u>

*Stante* illi l-aġir tal-konvenut Marlon Balzan jikkostitwixxi spoll *ai termini* tal-artikolu 535 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u billi l-attriċi ġiet u qiegħda tiġi mċaħħda mill-aċċess u mneżża' mill-konsegwenti pussess sħiħ u effettiv tad-dar matrimonjali ta' bejn il-partijiet, hija kellha tistitwixxi dawn il-proċeduri.

Talbiet

Jgħid għalhekk, il-konvenut, 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-aġir tal-konvenut fejn ċaħad u qiegħed jiċħad lill-attriċi mill-pussess tal-fond 'Mon Amour', Triq il-Ħajt Ruman, Ħal Safi jikkostitwixxi spoll a dannu tal-attriċi;

2. Tordna lill-konvenut sabiex jerġa' jqiegħed lill-attriċi fil-pussess u b'hekk jagħtiha l-aċċess sħiħ, effettiv u liberu għall-imsemmija dar matrimonjali fl-indirizz 'Mon Amour', Triq il-Ħajt Ruman, Ħal Safi, billi jagħmel dawk ix-xogħlijiet kollha meħtieġa u wkoll dawk illi din l-Onorabbli Qorti jista' jordnalu jagħmel, u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti;

3. Tordna ulterjorment illi fin-nuqqas illi l-konvenut jottempera ruħu ma' din l-ordni skont it-tieni (2) talba, l-attriċi tiġi awtorizzata tagħmel kull xogħol neċessarju sabiex jiġi riprestinat lilha l-aċċess u l-konsegwenti pussess għall-fond fl-indirizz 'Mon Amour', Triq il-Ħajt Ruman, Ħal Safi, jekk meħtieġ bl-għajnuna ta' uffiċjal eżekutur tal-Qorti u dan a spejjeż tal-istess konvenut.

Bl-ispejjeż kontra konvenut, li jinsab minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, ippreżentata fit-13 ta' Ġunju 2013 li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi l-konvenut jeċepixxi illi l-azzjoni ta' spoll hekk kif proposta mill-attriċi għandha tiġi ppruvata minnha stess skont l-artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u trid tissodisfa l-ingredjenti kollha tal-azzjoni minnha mressqa;

Illi fi kwalunkwe każ, l-azzjoni attriċi mhux meritevoli t'akkoljiment stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kif permessi mill-liġi.

Dikjarazzjoni tal-fatti *ai termini* tal-artikolu 158 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

Illi l-intenzjoni tal-konjuġi kienet ben ċara dwar l-użu tal-fond bl-isem 'Mon Amour', Triq il-Ħajt Ruman, Ħal Safi. L-attriċi kienet ben konsapevoli illi l-fond in kwistjoni kien proprjeta' ta' missier il-konvenut Angelo Balzan, illi kien ikkonċeda l-użu tad-dar imsemmija lill-konjuġi Balzan b'mera tolleranza;

Illi jiġi rilevat illi l-konvenut irrikorra għall-proċeduri ta' separazzjoni bonarja fi ħdan il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-4 ta' April tas-sena 2013 kif jidher ċar mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok 'MB1'. Huwa ħass illi ma kellux alternattiva għajr illi jipproċedi b'separazzjoni personali wara illi kien ilu sena

jiġi kontinwament spussessat vjolentement mid-drittijiet tiegħu fuq l-oġġetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, liema vjolenza laħqet il-qofol tagħha meta l-attriċi abużivament u klandestinament serqet tlett elef mitejn u ħamsin Ewro mill-komunjoni tal-akkwisti (€3,250) kif ukoll ġojjelli prezzjużi appartenenti kemm l-istess komunjoni tal-akkwisti, kif ukoll appartenenti lil binthom Celine Balzan;

Illi *inoltre* l-istess attriċi kienet ilha xhur twal tikkonsidra tabbanduna l-istess fond, iżda kien fl-1 ta' April tas-sena 2013 illi hija abbandunat definittivament lill-istess minuri Celine Balzan u allontanat ruħha mill-fond in kwistjoni bl-intendement ċar illi ma kenitx ser tirritorna lura sabiex tirrisjedi fl-istess fond;

Illi mhuwiex minnu dak illi qiegħed jiġi allegat mill-attriċi illi hija ġiet imċaħħda mill-aċċess għall-istess fond.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti minn issa nġunta in subizzjoni.

L-intimat jirriserva ulterjorment illi jesebixxi dokumenti addizzjonali inklużi dokumenti li s'issa mhux qegħdin fil-pussess tiegħu.

Rat l-affidavits;

Semgħet il-provi;

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Jannar 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-Avukati rispettivi ttrattaw;

**Ikkunsidrat:**

Illi kif jidher car mir-rikors promotur din hija kawża ta’ spoll. L-attriċi qed issostni li l-konvenut li huwa żewġha qed iċaħħadha milli tidħol fid-dar fejn kienu jgħixu flimkien għaliex biddel iċ-ċwievet tal-fond fil-jum indikat fir-rikors. Kif hu magħruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta’ spoll tirnexxi u dawn huma:

1. il-pussess – ***possedisse;***
2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta’ tal-attur – ***spoliatum fuisse****;* u

2. li l-azzjoni issir fi żmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll – ***infra bimestre deduxisse***.

Illi l-konvenut qed jikkontesta t-talbiet attriċi kif ġja’ ssemma.

Illi fil-fehma tal-Qorti, għalhekk il-kwistjoni prinċipali f’din il-kawża hija jekk l-attur issodisfax ir-rekwisiti stipulati mill-liġi. Il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni dwar il-kweżit petitorju <u>għaliex quddiemha għandha biss il-kwistjoni possessorja</u>. Fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta’ Mejju 1956 fl-ismijiet **“Vincenzina Cassar et vs Annetto Xuereb Montebello”** l-istess Qorti qalet illi:

*"Il-ġurisprudenza tat-Tribunali tagħna dejjem kienet kostanti fl-interpretazzjoni ta' dawn il-liġijiet fis-sens li l-azzjoni ta' spoll hija 'di ordine pubblico', unikament u esklussivament intiża biex timpedixxi li wieħed jagħmel ġustizzja b'idejh mingħajr l-intervent tat-Tribunal Ċivili u tipprevjeni l-konsegwenzi deplorevoli ta' aġir simili. Għalhekk il-liġi tivvjeta l-allegazzjoni ta' kwalsiasi eċċezzjoni li ma tkunx dilatorja kontra r-reintegrazzjoni u tiċċirkoskrivi l-eżami tal-Qorti għall-fatt biss tal-pussess u tal-ispoll denunzjat. Ir-reintegrazzjoni għandha dejjem tiġi ordnata mill-Qorti, kwanutnkwe l-pussess jista' jkun vizzjat u min jikkommetti l-ispoll ikun il-veru proprjetarju tal-ħaġa li minnha l-possessur tagħha jkun ġie spoljat."*

Illi f'din is-sentenza l-Qorti ċċitat sentenza riportata fil-**Volum XXXIII-ii-83** illi rriteniet:

*"che la reintegrazione dovra' essere dalla Corte ordinate, comunque viziato possa essere il possesso dell' attore, comunque il citato possa essere il vero propietario della cosa di cui l' attore avesse sofferto lo spoglio; sicche' l' indagine intormo alla legittimita' del possesso, da farsi in altra sede, tornerebbe oziosa in questo giudizio."*

Illi fis-sentenza **"Delia vs Schembri"** (deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Frar 1958) ġie ritenut illi:

*"L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipproteġi l-pussess, ikun x'ikun ... li jiġi vjolentement jew okkultament meħuda mingħand il-possessur jew detentur u ġie deċiż kemm-il darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kważi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata ... jagħmel għad-dannu ta' terza*

*persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt għalih ma jistax jeżerċitah mingħajr intervent tal-Qorti."*

Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa *"qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato"* (Vol III Sez. 52).

Illi kif ukoll intqal fil-kawża **"Margherita Fenech vs Pawla Zammit"** deċiża fit-12 ta' April 1958:

*"L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja hija eminentement intiża l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jiġi mpedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat."*

Illi wieħed ukoll isib dikjarat illi:

*"Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indaġini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruża u skarna u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra, u kompliet tgħid illi għalhekk indaġinijiet ibbażati fuq x'jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi Franċiżi u Taljani huma għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku tagħna."* (Appell Ċivili fl-ismijiet **"Cardona vs Tabone"**, deċiża fid-9 ta' Marzu 1992).

Illi f'din il-kawża l-konvenut mhuwiex jiċħad illi huwa bidel iċ-ċwievet tal-fond iżda qed jgħid li għamel dan għaliex l-attriċi spussessatu minn somma flus; jgħid ukoll li hija kienet ġia'

tikkunsidra illi tabbanduna l-fond fis-sens li titlaq mid-dar meta beda l-inkwiet ta' bejnithom u fil-preżent bdew proċeduri kontra xulxin fil-Qorti tal-Familja.

Illi huwa evidenti illi d-difiża tal-konvenut li huwa kien kostrett ibiddel is-serratura tal-fond biex l-attriċi *"ma tkomplix tisirqu"* mhijiex tajba biex jiddefendi ruħu minn din il-kawża; l-azzjoni ta' spoll hija appuntu ntiża biex jiġi evitat li kull min iħossu li għandu jagħmel hekk jieħu l-liġi b'idejh.

Illi lanqas il-fatt li l-attriċi kienet qed tikkonsidra titlaq mid-dar ma kien jiġġustifika l-azzjoni tiegħu. Anzi huwa stess qed jirrikonoxxi illi l-attriċi kienet għadha tabita hemm u allura kienet ko-pussessura tal-fond flimkien miegħu; huwa risaput li l-azzjoni ta' spoll ma tipproteġix lill-pussessur esklussiv iżda anke lill-ko-pussessur.

Illi ma hemmx kontestazzjoni lanqas li l-azzjoni saret fiż-żmien ix-xahrejn indikati mill-liġi u dan huwa sorrett ukoll mill-provi li tressqu; l-ispoll ġie kommess fl-1 ta' April 2013 bħala l-aktar data favorevoli għall-konvenuti u l-azzjoni ġiet intavolata fis-17 ta' Mejju 2013.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet kollha attriċi; għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' xahar u tinnomina lill-A.I.C. Robert Musumeci li għandu f'kull każ jissorvelja x-xogħol neċessarju.**

**L-ispejjeż ikunu a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------